MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 538/2015

**Bezzina Maritime Services Limited (C-14583)**

**vs**

**Il-Bastiment magħruf bħala "M/T Bunkertank 1"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-3 ta' Ġunju, 2015 mis-soċjetà attriċi **Bezzina Martime Services Limited** (minn issa 'l quddiem is-soċjetà attriċi) u kkonfermat bil-ġurament minn Victor Bezzina debitament awtorizzat, u fejn is-soċjetà attriċi ppremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija waħda li toffri servizzi in konnessjoni ma' attivitajiet kummerċjali marittimi;*

2. *Illi dan l-operat jikkonsisti fil-provvista ta' faċilitajiet ta' berthing ġewwa Chruch Wharf, il-Marsa għall-bastimenti kbar bħalma hu l-basiment intimat;*

3. *Illi fil-fatt il-bastiment intimat ilu marbut ġewwa Church Wharf, Marsa għal diversi xhur u dana versu l-prezz patwit ta' mija u ħamsin euro (€150) kuljum;*

4. *Illi skont id-dokument "BMSL1" sa "BMSL5" l-ammont dovut mill-bastiment intimat sal-lum huwa ta' sebgħa u sebgħin elf mitejn u ħamsin euro (€77,250) rappreżentanti 'berthing fees', għall-perijodu bejn it-tnejn (2) ta' Diċembru, 2013 sa tletin (30) ta' April 2015 bir-rata su-indikata;*

5. *Illi l-bastiment intimat baqa' ma ħallasx l-ammont dovut hawn fuq indikat minkejja li ġie diversi drabi interpellat sabiex jagħmel dan;*

6. *Illi s-soċjetà rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

7. *Illi għalhekk illum il-ġurnata u fid-data tal-preżentata tal-preżenti kawża s-somma hawn fuq imsemmija hija somma ċerta, likwida u dovuta ai fini u effetti kollha tal-liġi u għandha titħallas mill-bastiment intimat lis-soċjetà rikorrenti u wkoll l-istess bastiment intimat m'għandu l-ebda linja jew linji difensjonali x'jagħti in kontrotrattazzjoni għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u per konsegwenza jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha ikkontemplati fl-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ħalli din il-kawża tiġi deċiża*

*bid-dispensa tas-smigħ inkwantu dan jirrigwarda t-talbiet attriċi għall-ħlas;*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

2. *Tiddikjara illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf mitejn u ħamsin euro (€77,250) rappreżentanti "berthing fees", għall-perijodu bejn it-tnejn (2) ta' Diċembru, 2013 sat-tletin (30) ta' April, 2015; u*

3. *Tikkundanna l-bastiment intimat iħallas is-somma ta' sebgħa u sebgħin elf mitejn u ħamsin euro (€77,250) rappreżentanti "berthing fees", għall-perijodu bejn it-tnejn (2) ta' Diċembru, 2013 sat-tletin (30) ta' April, 2015 lis-soċjetà rikorrenti;*

*Bl-ispejjeż, bl-imgħax kummerċjali mid-data li kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv.*

**Ikkunsidrat:**

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju, 2015 fejn għad li l-konvenut Bastiment magħruf bħala "M/T Bunkertank 1" kien debitament notifikat ma deher ħadd biex jirrappreżentah f'dawn il-proċeduri u għalhekk għall-finijiet tal-Artikolu 170 tal-Kap. 12 tqis li dan baqa' kontumaċi u għalhekk il-Qorti għandha tgħaddi biex minnufih tiddeċiedi l-kawża.

Semgħet ix-xhieda ta' Victor Bezzina (a fol. 15 tal-proċess) li kkonferma bil-ġurament li mit-3 ta' Ġunju, 2015 id-data tal-preżentata tal-kawża sal-1 ta' Lulju, 2015 meta ta x-xhieda tiegħu, is-soċjetà konvenuta ma rċeviet ebda ħlas mill-konvenut "Bastiment M/T Bunkertank 1".

**<u>Decide</u>**

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċidi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2) **Tilqa' t-tieni u t-tielet talba tas-soċjetà attriċi u tiddikjara illi l-Bastiment magħruf bħala "M/T Bunkertank 1" huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf mitejn u ħamsin euro (€77,250) rappreżentanti "berthing fees", għall-perijodu bejn it-tnejn (2) ta' Diċembru, 2013 sat-tletin (30) ta' April 2015;**

3) **Tikkundanna l-Bastiment magħruf bħala "M/T Bunkertank 1" iħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' sebgħa u sebgħin elf mitejn u ħamsin euro (€77,250) rappreżentanti "berthing fees", għall-perijodu bejn it-tnejn (2) ta' Diċembru 2013 sat-tletin (30) ta' April 2015.**

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenut l-Bastiment magħruf bħala "M/T Bunkertank 1".**

Moqrija

B'digriet tad-29 ta' Lulju 2015 ġie miżjud dan il-paragrafu rigward l-imgħax wara r-rikors ippreżentat fit-03 ta' Ġunju 2015:

**Għaldaqstant din il-Qorti b'żieda mas-sentenza tagħha fl-ismijiet premessi, li ġiet deċiża fit-13 ta' Lulju, 2015, qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tordna lill-bastiment konvenut M/T Bunkertank I iħallas ukoll l-imgħaxijiet kummerċjali kif mitluba fir-Rikors Maħluf sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż kontra l-bastiment konvenut.**

Moqrija

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------